# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 20 ta' Gunju 2002**

**Numru**

**Avviz numru 1794/01**

**Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Mariella Spiteri**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' Lm191 (mija u wiehed u disghin lira Maltin), in kwantu ghas-somma ta' mija hamsa u sebghin lira Maltin (Lm175) import ta' seba (7) kambjalijiet annessi mal-avviz tat-talba u mmarkati Dokumenti 1, 2, 3, 4, 5, 6, u 7 u li d-data tal-maturita taghhom skadiet u in kwantu ghas-somma ta' sittax il-lira

Maltin (Lm16) bhala imghaxijiet legali dovuti sad-data tal-prezentata tal-avviz tat-talba fuq l-istess ammont.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-avviz tat-talba sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuta baqghet ma ipprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema' lil Dr John Buttigieg jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm191 (mija u wiehed u disghin lira Maltin) import ta' seba (7) kambjali li skadew izda baqghu ma thallsux.

Bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**